**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 5 ta’ Lulju 2001**

**Rikors Nru: 111/00B**

**Natalina Vella**

**Vs**

**Joseph Farrugia**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi l-esponenti kienet tikri lilll-omm l-intimat Mary Farrugia il-fond 33 gja bin-numru 46 C, Triq Tumas Dingli Zabbar versu il-hlas ta' kera ta' Lm10 (ghaxar liri maltin) fis-sena pagabbli kull 2 ta' Awissu bil-quddiem u liema kirja kienet fis-stadju ta' rilokazzjoni.

Illi ftit xhur qabel ma mietet omm l-intimat, l-istess intimat kien mar jghix maghha fil-fond hawn fuq imsemmi, pero ftit wara li mar jghix maghha, ommu marret tghix f' dar tal-anzjani permanentament fejn sussegwentament mietet fit-22 ta' Lulju 1999.

Illi ghaldaqstant l-intimat ma kienx qed jghix ma ommu u cioe ma l-inkwilina fil-fond in kwistjoni, fiz-zmien tal-mewt taghha.

Illi l-ahhar hlas ta' kera li accettat l-esponenti kienet minghand omm l-intimat fit-2 ta' Awissu 1998 sabiex tkopri is-sena li kien imiss, u cioe' sal-1 ta' Awissu 1999.

Illi l-intimat qed jippretendi li huwa il-kerrej tal-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord;

1. Jiddikjara li l-intimat ma jikwalifikax bhala kerrej tal-fond 33 gja bin-numru 46 C Triq Tumas Dingli Zabbar ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma jgawdix il-protezzjoni ta' l-istess ligi.

2. Tawtorizza r-ripreza tal-fond 33 gja bin-numru 46 C Triq Tumas Dingli Zabbar mill-esponenti, u tordna li l-intimat jigi zgumbrat mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jghogbu jipprefiggi dan il-Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra r-risposta fejn interalia intqal li l-ewwel talba diljeratorja, ma taqax fil-l-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera.

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati;

Ra l-verbal tat-2 ta' Mejju 2001;

Ikkunsidra,

1. L-eccezzjoni moghtija ma tistax titqies hlief bhala wahda frivola u versatorja moghtija biex ixekkel it-twettieq tal-haqq.

2. Il-Bord f' dan ir-rikors irid jara jekk l-intimat ghandux jedd ghall-harsien tal-Ligi tal-Kera, Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Ezami li bla dubju, jaqa' taht il-kompetenza tal-Bord.

3. Ir-rikors gie mfassal kwazi kelma b' kelma bhal dak fl-ismijiet 'Abela vs Brown' deciz mill-Bord (diversament presedut) fil-15 ta' Ottubru 1997 u mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Novembru 1998, u ohrajn fuq pendenzi bhal din ta' llum.

4a. Fir-rikors 'Abela vs Brown' il-Bord intalab li

"jiddikjara li l-intimat ma jistax jitqies bhala 'kerrej' ai fini tal-Kap 69

4b. Fis-sentenza tieghu l-Bord fost hwejjeg ohra "iddikjara" li l-intimat ma jistax jitqies bhala kerrej ai fini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Din is-sentenza giet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (ara fuq)

5. 'Id-dikjarazzjoni' hi premessa u marbuta mat-talba ghall-izgumbrament. Il-paragrafu 2 tar-risposta ta' l-intimat f' dan ir-rikors li suppost tirreferi ghat-tieni talba fil-fatt tirreferi ghar-rikors kollu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord jichad l-ewwel eccezzjoni, jiddikjara ruhhu kompetenti u jiddifferixxi r-rikors ghall-kontinwazzjoni ghat-3 ta' Ottubru fid-9.30am; l-intimat qed jigi ikkundannat li jhallas l-ispejjez ghal darbtejn fuq din l-eccezzjoni kif jipprovdi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili f' kazijiet ta' abbuz tal-process gjudizzjarju ta' din ix-xorta.

Dep.Reg Magistrat